Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,435, 9 ta' Mejju, 2025

Taqsima B

A.L. 80 tal-2025

ATT DWAR IL-PROVVISTI U S-SERVIZZI
(KAP. 117)

Regolamenti tal-2025 li jħassru r-Regolamenti dwar il-Kummerċ ta' Prodotti Agrikoli u Swieq għall-Kummerċ ta' Prodotti Agrikoli

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 tal-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi, il-Ministru responsabbli għall-kummerċ għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jħassru r-Regolamenti dwar il-Kummerċ ta' Prodotti Agrikoli u Swieq għall-Kummerċ ta' Prodotti Agrikoli.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Tħassir u riżervi. L.S. 117.43.

2. Ir-Regolamenti dwar il-Kummerċ ta' Prodotti Agrikoli u Swieq għall-Kummerċ ta' Prodotti Agrikoli huma b'dawn imħassra bla ħsara għal dak kollu li sar jew naqas milli jsir taħthom.